HAL BALZAN

IL-HAMES SENA NRU. 28 — LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU — MARZU/APRIL 1976

EDITORJAL

★ IL-25 TA' MARZU

Fost il-jiem egħżież tal-kalendarju, għalina l-Balzanin wieħed mill-aktar għal qalbna huwa, u għandu jkun, il-25 ta' Marzu. Huwa l-jum ta' l-Annunzjata, il-jum li fih niftakru b'mod speċjali fil-ġrajja kbira ta' l-umanità meta Alla bagħat lill-anġlu ħabbar tiegħu Gabriel sabiex iwassal lil Marija l-bxara l-kbira ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla. Għalina l-Balzanin dan huwa jum kbir, avolja l-festa titulari tal-Parroċċa ma niċċelebrawhiex f'dan il-jum.

F'dawn l-aħħar snin, fil-Parroċċa tagħna dan il-jum donnu ħa spinta ġdida, l-aktar mindu l-Banda 'San Gabriel' bdiet tagħmel il-marċ ferrieħi tagħha mat-toroq tar-raħal. Biss, f'dan il-jum l-attenzjoni tagħna għandna nikkonċentrawha l-aktar fuq i-tifsira reliġjuża ta' din il-festa. U hawn ta' min jistaqsi, għadna l-Balzanin tal-lum devoti tabilħaqq tal-Madonna kif kienu missirijietna fl-mgħoddi? Ir-Rużarju għadna ngħiduh kuljum, kif talbet il-Madonna li tant saħqet fuq il-ħtieġa tiegħu fid-dehriet tagħha?

Fl-Eżortazzjoni Appostolika tiegħu "Marialis Cultus", li tittratta dwar il-qima lejn il-Madonna, il-Papa Pawlu VI ħeġġeġ ħafna l-insara sabiex igħidu r-Rużarju u t-talba sabiħa ta' l-Anġelus. Kien b'dan il-ħsieb f'moħħna li stampajna 'l fuq minn elf santa bix-xbiha ta' l-Annunzjata fuq naħa u bit-talba ta' l-Anġelus fuq in-naħa l-oħra, sabiex jitqassmu ma' din il-ħarġa tal-gazzetta. B'hekk il-Balzanin kollha jitħeġġu sabiex isellmu lill-Omm tagħna tas-sema fit-tliet ħinijiet ewlenin tal-ġurnata għax, kif qal tajjeb il-Papa: "Minkejja li jinbidlu ż-żminijiet, għal ħafna bnedmin ma jinbidlux il-ħinijiet speċjali tal-jum (fil-għodu, f'nofs in-nhar, u fil-għaxija) li juru l-ħinijiet tal-ħidma tagħhom u jistednuhom għal waqfa ċkejkna biex jitolbu."

Tajjeb ukoll hawnhekk intennu s-suġġeriment li kien sar fil-Foljett Parrokkjali ta' Diċembru li għadda. Is-Sur C. Bezzina, fil-kitba tiegħu "Il-Milied, il-Lunzjata u l-Verbum Dei", issuġġerixxa li nhar il-25 ta' kull xahar tibda ssir fil-Knisja Parrokkjali tagħna xi devozzjoni sabiex inkabbru fir-raħal tagħna l-qima lejn l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla u Ommu Marija. Huwa suġġeriment prattiku ħafna li, li kellu jkun adottat, ma jistax ma jħallix ġid.

★ KONTRIBUZZJONI GĦALL-GAZZETTA

Din il-gazzetta, minn kemm ilha toħroġ, dejjem tqassmet b'xejn. Li nqassmuha b'xejn ma jfissirx li nistampawha b'xejn. U lanqas ma jfisser li ħadd qatt ma ta xejn bħala għajnuna lill-gazzetta. Anzi nistgħu ngħidu li dejjem sibna benefatturi li għenuna, min b'somma żgħira, u min b'somma kbira. Għalina kollha huma benefatturi. Biss ikollna nistqarru li l-flus li niġbru meta nqassmu l-gazzetta huma hekk ftit li żgur ma nistgħux nibqgħu sejrin hekk. Ir-reklami waħedhom m'humiex biżżejjed.

Minn din il-ħarġa, il-ħlas biex nistampaw il-gazzetta se jogħlielna b'£M4. Dan ifisser li se jkollna noħorġu minn ġewwa £M24 iżjed fis-sena, biex ma nsemmux il-ħarġa tal-festa li tkun b'aktar paġni. Dawn il-flus ma nisgħux ma naħsbux fihom jekk irridu li l-gazzetta tagħna tibqa' toħroġ. Bħala Balzanin, żgur li ħadd minna ma jixtieq li l-gazzetta tieqaf. Għalhekk ilkoll kemm aħna għandna nagħtu s-sehem tagħna. Żgur li ħadd minna mhu se jbati billi jagħti ftit ċenteżmi kull xahrejn meta tasallu l-gazzetta! Ħaġa żgħira tabilħaqq, imma għalina li noħorġu l-gazzetta tfisser ħafna. Bosta Balzanin jagħtu dawk il-ħames ċenteżmi jew iktar meta taslilhom il-gazzetta, imma mhux kulħadd huwa daqshekk ġeneruż!

Nagħmlu appell lil kulħadd sabiex ikun ftit aktar ġeneruż u jikkontribwixxi xi ħaġa għall-gazzetta.

● għal paġna 2

MUSCAT FLORA

POPE ALEXANDER JUNCTION
BALZAN TEL. 42479

Din id-Ditta hija Fergħa tal-
GIARDINO ALLEGRA ta' Catania

MUSCAT FLORA PET SHOPS
18, TRIQ BRITANNIA, VALLETTA
Telephone: 27512

Infornukom bi kwalunkwe pjanti u sigar ornamentali, basal u żrieragħ tal-fjuri u tal-ħxejjex, demel artifiċjali, terriċċju, insettiċidi, pompi u b'kulma huwa meħtieġ għall-ġonna u l-qsari, saħansitra kotba ta' tagħlim fuq il-ġonna u l-Pets tagħkom.

IL-KNISJA PARROKKJALI (16)

IL-KAMPNAR

IL-KNISJA PARROKKJALI TA' HAL BALZAN GHANDHA KAMPNAR WIEHED MIBNI N-NAHA TAL-KAPPELLUN TAL-KURĊIFISS. DAN IL-KAMPNAR, LI HU MIBNI FIL-KWADRU, GHANDU ŻEWĠ FAĊĊATI N-NAHA TA' BARRA U T-TNEJN L-OHRA JMISSU MAL-HITAN TAL-KAPPELLUN.

Il-wisa' minn ġewwa ta' dan il-Kampnar hu ta' għaxar piedi u nofs, u l-għoli tiegħu hu ta' tnejn u ħamsin pied sal-qniepen, u erbgħa u għoxrin pied mill-qniepen sal-bidu tal-piramida. L-għoli tal-piramida hu ta' tmintax-il pied. B'kollox l-għoli tal-Kampnar hu ta' madwar mitt pied. Dan il-Kampnar għandu żewġ bibien; wieħed minn fuq iż-zuntier u l-ieħor minn ġol-Knisja. Fih mitt tarġa sa ma wieħed jasal ħdejn il-qniepen.



Il-Kampnar majestuż tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan.

IL-BINI TAL-KAMPNAR

Kif il-bennejja temmew ix-xogħol tal-bini tal-Koppla fl-1707, qabdu mill-aktar fis jibnu l-Kampnar. Peress li żewġ ħitan minn dan il-Kampnar kienu mibnija mal-kappellun tal-Kurċifiss, tlesta fiż-żmien qasir ta' sena biss. Dan nafuh mill-fatt li wara li sar it-tikħil u l-irfinar tax-xogħol, bħalma sibna dwar il-Koppla, hekk issa nsibu li ntemm ix-xogħol tal-Kampnar u tqiegħed li-bieb mogħni b'firroll u serratura fil-Kampnar, li għalih tħallas il-kont ta' 4 skudi nhar it-23 ta' Settembru 1708. (1)

Sena wara li dan il-Kampnar kien lest, saret Viżta Pastorali lill-Knisja Parrokkjali mill-Isqof David Cocco Palmieri nhar l-20 ta' Mejju 1709. Fir-relazzjoni ta' din il-Viżta, l-Isqof jinnota li f'din it-tieleт żjara tiegħu sab li ġew mitmuma żewġ opri kbar: il-Koppla u l-Kampnar. F'din ir-relazzjoni jkompli jgħid li: "Kampnar li għadu kemm ġie mibni n-naħa tax-xellug tal-Knisja li titla' għalih minn rampa u li għandu bieb fit-triq pubblika. F'dan il-Kampnar hemm qanpiena." (2)

IL-PINNUR

Bħalma l-Knisja Parrokkjali sservi biex tkun id-Dar t'Alla u d-Dar tat-Talb, biex fiha tixxandar il-Bxara t-Tajba, jiġu amministrati s-Sagramenti u s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa, hi l-post ukoll fejn jintlaħqu l-parruċċani, u għalhekk jingħatawlhom l-avviżi tal-parroċċa, jinqrawlhom l-Ittri Pastorali u ċ-Ċirkularijiet tal-Kurja, u sa ftit ilu, qabel ma kien hawn mezzi tax-xandir, saħansitra xi avviżi tal-Gvern kienu jinqraw fil-Knisja. Għalhekk peress li l-Kampnar huwa ġeneralment l-

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

ogħla bini tal-parroċċa, ħasbu biex ipoġġu pinnur biex kulħadd ikun jista' jkun jaf id-direzzjoni tar-riħ. Dari ma kienx hawn mezzi li jagħtu u jxandru rapporti tat-temp u jagħtuk l-irjieħ; għalhekk il-pinnur ta' fuq il-Kampnar kien irid jagħmel tajjeb hu biex wieħed ikun jaf x'riħ kien għaddej.

Biex inkomplu nagħtu tagħrif dwar l-istorja, tajjeb li ngħidu li l-ewwel pinnur fuq il Kampnar tal-Knisja tagħna tpoġġa f'April tal-1726 u qam skud, ħames tari' u għaxar grani. (3)

IĊ-ĊUQLAJTA

Qabel ma nitkellmu dwar il-qniepen u l-arloġġ, li kienu jew li qegħdin fil-Kampnar, tajjeb li ngħidu xi ħaġa dwar iċ-Ċuqlaj-

● għal paġna 2

FESTA LITURĠIKA TA' MARIJA ANNUNZJATA NHAR IL-25 TA' MARZU



6.30 a.m. Quddiesa Kantata bil-vuċijiet.
5.30 p.m. Għasar.
6.00 p.m. Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
6.30 p.m. Quddiesa bil-kant u bl-omelija tas-16-il dehra ta' Lourdes.

Fil-Knisja l-Qadima ta' l-Annunzjata
8.00 a.m. Quddiesa bil-kant u bit-tqarbin.

Festi ta' Barra
8.00 p.m. Marċ mar-raħal kollu mill-Banda 'San Gabriel'.

Inħeġġu lill-Balzanin kollha, l-aktar il-każini u l-għaqdiet, sabiex nhar il-25 ta' Marzu jitteIlgħu l-bnadar u ssir mixegħla.

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN
c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel'
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

• minn paġna 1

★ **IL-QARI**

Il-qari jagħmel il-bniedem sħiħ, jgħidu l-Ingliżi. U l-esperjenza wriet kemm dan huwa minnu. Tkellem ma' bniedem, u minn dak li jgħid, mill-mod kif jgħidu, minn kif jiddiskuti, u mill-argument li jġib, malajr tintebaħ jekk huwiex bniedem kolt jew le. U jekk huwa kolt malajr tagħraf li dan huwa riżultat tal-qari. Bniedem bħal dan itik pjaċir tismgħu jitkellem, għax jaf xi jgħid, għax ma jaqax dejjem fuq l-istess affarijiet imma jaf ikompli u jagħti l-idejat bilanċjati tiegħu li huwa jkun għaġen f'moħħu wara li jkun qara dwarhom. Il-qari huwa għall-moħħ dak li l-eżerċizzju fiżiku huwa għall-ġisem.

Aħna l-Maltin, bħala poplu, ftit għandna fama li nħobbu naqraw. U, naħseb, dan huwa minnu. Ir-raġunijiet huma bosta. L-ewwelnett, il-proporzjon ta' nies li ma jafux jaqraw fost il-ġenerazzjoni l-antika huwa għoli. Kotba bil-Malti, għallinqas sa ftit snin ilu, ftit kien hawn. Terġa', il-klima ta' pajjiżna ftit tħajrek toqgħod ġewwa magħluq taqra. Dawn il-fatturi kollha għenu u ġabu dan in-nuqqas fil-kultura tal-poplu Malti, nuqqas li llum, għall-grazzja t'Alla, qed jissewwa, u tieħu pjaċir tara t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jaqraw, jinteressaw ruħhom, ifittxu fil-kotba, u jixtru u jissellfu l-kotba mil-libreriji.

Iżda għad irridu naqdfu għax għadna ma wasalniex fejn għandna naslu. Nieħdu eżempju sempliċi — il-gazzetta tagħna, li issa ilha toħroġ madwar ħames snin. Kemm mill-Balzanin jaqrawha l-gazzetta? Wisq nibżgħu li ssib uħud li kemm jagħtuha daqqa t'għajn ħafifa u jixħtuha hemm. M'għandniex inkunu hekk. Għandna naqraw u nitgħallmu dwar dak li qed jiġri fir-raħal tagħna, dak li qed jiġri f'pajjiżna u fid-dinja ta' madwarna. Għandna naqraw gazzetti, rivisti, u kotba, u nixorbu mill-għerf ta' ħaddieħor, u nitgħallmu niżnu l-idejat u ngħarblu tagħlim siewi minn dak li mhux.

IL-KAMPNAR

• minn paġna 1

ta. L-ewwel Ċuqlajta li tqiegħdet fil-Kampnar kienet tpoġġiet qabel is-sena 1759 għaliex fil-ktieb tal-kontijiet tal-Parroċċa nsibu li sarulha xi tiswijiet li swew żewġ tari' u għaxar grani li tħallsu nhar it-28 ta' Lulju 1759. (4)

Iċ-Ċuqlajta hija strument ta' l-injam. Din għandha tmien imrietel tal-fagu n-naħa ta' fuq u tmienja oħra n-naħa t'isfel li meta romblu bis-snien jiġi mdawwar minn imradd, dawn l-imrietel jagħmlu ħsejjes li minn fuq il-Kampnar jidwu mal-Parroċċa kollha.

Iċ-Ċuqlajta tintuża fil-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira biex issejjaħ lin-nies għall-funzjonijiet tal-Knisja, kif ukoll biex tħabbar it-tmienja, nofs inhar u l-Ave Marija u ta' l-imwiet, minflok id-daqq tal-qniepen. Qabel ma bdiet iseħħ ir-riforma fil-Liturġija Pastorali għall-Ġimgħa l-Kbira, iċ-Ċuqlajta kienet tibda tindaqq minn x'ħin kienu jieqfu l-qniepen wara li jdoqqu l-Glorja fil-Quddiesa solenni li kienet issir nhar Ħamis ix-Xirka filgħodu u tibqa' tindaqq sa qabel il-Glorja ta' Sibt il-Glorja filgħodu. Illum, fil-Quddiesa solenni ta' Ħamis ix-Xirka ta' filgħaxija, "wara l-att penitenzjali titkanta l-Glorja u jindaqqu l-qniepen; dawn ma jindaqqux aktar sal-Glorja tal-Quddiesa tal-Vġili solenni tal-Għid" (5) u għalhekk, peress li ma jindaqqux il-qniepen, tibda tintuża ċ-Ċuqlajta, sintendi fil-Parroċċi li għandhom waħda, bħal ma għandna aħna.

REFERENZI:

1. Arkivju Parrokkjali — Lib. 8.
2. COCCO PALMIERI D.: Visit. Past. fol. 14 Kurja Arciv.
3. Arkivju Parrokkjali — Lib. 56. p. 98.
4. Ibid. Cit.
5. Kum. Lit. Naz. 1971 — Direttorju Liturġiku Pastorali Għall-Ġimgħa l-Kbira P. 33.

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI —

SAQQIJIET,

IMHADED,

CUSHIONS U

AFFARIJIET OHRA TAL-FOAM

Irrikorru:

VITAFOAM MALTA LIMITED

Industrial Estate, San Ġwann (B'Kara)
Telephone: 36275/76

ŻJARA NUMRU 1

IS-SINJURA VINCENZA DIMECH

Fil-għaġġla tal-ħajja moderna, ftit huma dawk in-nies li jsibu ż-żmien iħarsu lura lejn l-imgħoddi biex iħallu t-tifkira tiegħu lill-ġenerazzjoni li tielgħa. Waħda minn dawn il-ftit hija s-sinjura Vinċenza Dimech li, minkejja l-età tagħha, baqgħet attiva ferm fid-delizzju tagħha li tħalli tifkiriet ħajja ta' bosta drawwiet imgħoddija.

Is-sinjura Dimech twieldet il-Furjana nhar l-24 ta' Novembru 1895. Ħadet l-edukazzjoni tagħha fl-iskola tal-Pilar tas-Sorijiet Franġiskani. Tgħallmet il-lingwi, il-matematika, il-pittura, r-rakkmu, u saħansitra l-pjanu. Nhar l-1 ta' Frar 1920, hija żżewġet lis-sur Pawlu Dimech, u kellhom erbat itfal. Fi żmien il-gwerra, il-familja Dimech marret tgħix Għawdex. Kien fl-1950 li l-familja Dimech ġiet toqgħod hawn fid-dar tagħha f'Hal Balzan.

'Il bogħod mill-ħsejjes tal-belt, fil-kwiet u l-ħemda miksura biss mill-għana tal-għasafar, tgawdi l-arja pura ta' dan ir-raħal, is-sinjura Dimech tinsab hienja ħafna. Hija laqgħetna bil-ferħa u għamilnielha din l-intervista.

1. Sinjura Dimech, kif beda dan id-delizzju tiegħek?

Jiena minn dejjem kelli dan id-delizzju għax inħobb l-affarijiet li jinħadmu bl-idejn. Issa, peress li meta żmien ilu xi bini u xi rziezet, kif ukoll bosta drawwiet folkloristiċi, li huma wirt artna, kienu qed jinqerdu u jispiċċaw biż-żmien, ħsibt biex inżomm tifkirijiet tagħhom billi nagħmel mudelli tagħhom "to scale". B'dan il-mod ħsibt li jkolli tifkira kemm jista' jkun realistika ta' dawn il-ħwejjeġ. Meta nagħmel dawn il-mudelli, insib li ksibt l-aħjar mezz biex inżomm deskrizzjoni ta' dawn il-ħwejjeġ b'mod aktar ħaj milli kieku kelli niddeskrivihom bil-kitba, bil-pittura jew b'xi mezz ieħor.





Tnejn mill-oġġetti artistiċi maħdumin mis-Sinjura Vinċenza Dimech: il-mitħna tipika Maltija ta' l-imgħoddi, u l-vjatku hiereġ minn waħda mill-kappelli ż-żgħar li għandna ħafna minnhom l-aktar fl-irħula.

2. Huwa delizzju tassew interessanti imma, naħseb, joħodlok ħafna żmien. Kif issib żmien għal dan il-'hobby' tiegħek?

Grazzi ħafna talli għedtli li dan tiegħi hu delizzju interessanti! Kif għedt int ukoll, jeħodli ħafna żmien biex nagħmel kull mudell. Iż-żmien naħlih għaliex nipprova, f'kull ma nagħmel, nersaq kemm nista' lejn l-oriġinalità tas-suġġett li nkun irrid nippreżenta. Dejjem nipprova nagħti d-dettalji kollha ta' kull ma nkun qed nagħmel. Noqgħod attenta dwar l-għażla tal-materjal li nuża. Infittex li fil-bini nuża t-tikħil, bit-trab tax-xaħx u l-ġir. Il-kmamar inbajjadhom bil-ġir u l-kulur. Kollox kif kien isir fl-imgħoddi. Anke l-figuri (persunaġġi), dawn nagħmilhom tal-ġibs, tafal jew tax-xama'. Intihom il-pożizzjonijiet meħtieġa. Inlibbishom skond is-sengħa jew ix-xogħol tagħhom. Drappijiet nuża, kemm jista' jkun, drapp ta' Malta. Għalhekk biex tagħmel id-dettalji kollha jeħduli ħafna żmien. Iżda żmien dejjem insib.

3. Tista' tgħidilna x'tiġbor fil-kollezzjoni tiegħek?

Din il-kollezzjoni tiġbor: bini, snajja, avvenimenti tal-ħajja reliġjuża, soċjali, storika, rikreattiva u folkloristika ta' Malta u Għawdex. Insemmi biss ftit: il-Vjatku id-dar ta' Karmni Grima tal-Għarb li kienet kellmitha l-Madonna ta' Pinu; ir-rziezet f'Malta u f'Għawdex; il-mitħna tar-riħ; l-andar bil-bdiewa jderru u jgħarblu l-qamħ; is-sienja; il-forn l-antik; kmamar li juru l-istadji kollha tas-sengħa tal-qoton, tibda mill-ħalġ tat-tajjar u tispiċċa bl-insiġ tad-drapp. Għamilt għadd ta' bejjiegħa, kif ukoll il-bexxiexa tat-toroq. Ix-xogħol tal-bizzilla ma nsejtux u għalhekk daħħalt nisa jaħdmu fuq it-trajbu taċ-ċombini.

4. Mnejn tikseb it-tagħrif meħtieġ li jservik ta' sfond għal dan id-delizzju tiegħek?

Minn bosta kotba li għandi dwar Malta u Għawdex: ibda minn Abela-Ciantar u spiċċa fl-aħħar wieħed li għadu kemm ġie ppublikat. Kif ukoll minn dak li nosserva. Minn inċiżjonijiet u ritratti antiki. U mill-kuntatti li kelli u li għandi ma' nies li kienu jaħdmu xi sengħa, kif ukoll ma' nies li għandhom għal qalbhom il-folklor malti u għawdxi.

5. Iż-żmien li għaddejtu Għawdex jidher li kellu influwenza kbira fuqek. X'tgħidilna dwar dan?

L-għaxar snin li għadejt ġewwa Għawdex għenuni mhux ftit biex nilħaq parti sewwa millgħan tad-delizzju tiegħi. Hemm kelli ħafna ħin biex nistudja u nitgħaxxaq bil-postijiet pittoreski li jżejnu dik il-gżira. Hemm sibt nies li kienu għadhom jużaw l-għodod antiki. Hemm rajt kif jiġi ppreparat l-andar, id-dris tal-qamħ, il-midra, il-luħ, l-għerbiel, it-tomna u s-sigħ.

Kien hemm, fejn rajt l-għelieqi tal-qoton. Tgħallimt il-proċess kollu tal-qoton, magħżul mill-fostqa, mgħoddi mill-magna tal-ħalġ. Rajt it-tajjar jindaqq biex jinbaram ħjut. Kien hemm li rajt min jagħżel it-tajjar bir-raddiena. Hemm ukoll apprezzajt aktar ix-xogħol tal-bizzilla taċ-ċombini. Kont nara ommijiet u wliedhom bniet ħdejn il-bieb tad-dar, bit-trajbu tal-bizzilla f'ħoġorhom u filwaqt li jaħdmu jgħidu wkoll ir-Rużarju. Il-ħajja u l-ħidma, kif ukoll il-bżulija tal-Għawdxin, kellhom tassew influwenza kbira fuqi. Ġegħluni nħobb dak li hu sabiħ u nersaq aktar lejn dak li hu aktar naturali.

6. Il-progress ta' żmienna qered ħafna mid-drawwiet ta' l-imgħoddi, u llum, sfortunatament, ħafna minnhom mietu għal kollox. Kif taħsibha dwar din il-ħaġa?

Il-progress qered bosta mid-drawwiet ta' l-imgħoddi. Jiddispjaċini, mhux għax il-progress ma għandux ikun, għax allaħares ma jsirx progress fil-ħajja. Iżda ma narax li kellhom jinqerdu ħafna mid-drawwiet l-imgħoddija. Ma naħsibx li kellhom bilfors jinqerdu. Issa dwar dawk li nqerdu ma nafx x'tista' tagħmel! Almenu nippruvaw insalvaw dak li għad baqa'. Ma ninsewx li huma dawn id-drawwiet li jżommu ħajjin it-tradizzjonijiet reliġjużi, soċjali u folkloristiċi tagħna, li jagħtuna l-identità tagħna bħala Maltin u Għawdxin quddiem il-barranin,

• għal paġna 3

CORDINA HALL
CARMEL STREET, BIRKIRKAKRA
TINKERA GHAT-TIĠIJIET, ENGAGEMENTS,
U KULL OKKAŻJONI OHRA.
Aħsbu kmieni għall-Booking.
Tel: 42093, 40183, 22254
Jew applikaw għand:
F. CORDINA & SONS
CORDINA SHOWROOM
Bishop Labini Street, Birkirkara

BEJNIETNA N-NISA

KEMM GĦANDU JKOLLNA TFAL?

Bosta għarajjes jew miżżewġin friski jagħmlu din il-mistoqsija, li għaliha m'hemm ebda risposta sempliċi u li tgħodd għal kulħadd. Għaliex, kif se naraw f'dawn il-kelmtejn, biex wieħed iwieġeb irid iżomm quddiem għajnejh ħafna fatturi.

Iż-żwieġ, kif nifhmuh aħna l-insara, huwa mod ta' ħajja maħsub minn Alla li jipprovdi lill-irġiel u lin-nisa bl-opportunità li jwettqu l-kmandament tiegħu li għandna nħobbu lil xulxin. Dan nagħmluh billi ngħixu għal xulxin f'komunità waħda. Għal tnejn miżżewġin, din il-komunità tħaddan l-aspetti kollha tal-ħajja, iżda b'mod speċjali meta jagħtu lil xulxin fl-att taż-żwieġ.

Din l-espressjoni ta' mħabbithom lejn xulxin tista' twassal għat-twelid ta' tarbija, li għalhekk tkun ix-xbiha ħajja ta' mħabbithom. Il-konċepiment ta' tarbija, għalhekk, huwa ħaġa ta' importanza l-aktar kbira: it-tarbija m'hijiex biss il-frott ta' mħabbithom, iżda hija wkoll krejatura magħmula fix-xbiha t'Alla — krejatura tant maħbuba minn Alla, li Huwa ta l-Iben waħdieni Tiegħu biex isalvaha.

Minn dan wieħed diġa' jibda biex jifhem x'responsabbiltà kbira għandhom il-miżżewġin, u kemm hi kbira l-ħtieġa li d-deċiżjoni li jkollhom tarbija għandha tittieħed wara għażla għaqlija.

It-tarbija, meta titwieled, tiddependi għal kollox mill-ġenituri tagħha, li jridu jieħdu ħsiebha u jikkurawha sakemm tikber biżżejjed u timmatura biżżejjed li tkun tista' tgħix ħajja indipendenti minnhom. Din il-kura tal-ġenituri mhix biss għall-bżonnijiet fiżiċi jew mentali tat-tarbija, iżda wkoll għall-bżonnijiet spiritwali tagħha.

Mela, it-tnissil u t-trobbija ta' l-ulied huwa att ta' responsabbiltà kbira, responsabbiltà li taqa' fuq spallejn il-ġenituri u li huma biss iridu jġorruha.

Minn dan kollu li għidna, tidher mill-ewwel il-ħtieġa li l-miżżewġin insara jippjanaw bil-għaqal il-familja tagħhom; dan l-ippjanar, li jsir wara preparazzjoni serja, jiffissa n-numru ta' tfal u meta għandhom jitwieldu. Dan huwa parti miż-żwieġ nisrani li jeħtieġ maturità u tħejjija xierqa.

Waqt din it-tħejjija, kull koppja trid tikkunsidra ħafna fatturi, bħal, ngħidu aħna, fatturi ekonomiċi, akkomodazzjoni xierqa, problemi tas-saħħa, l-edukazzjoni, u dawk il-fatturi kollha li mingħajrhom it-tarbija ma jkollhiex l-imħabba u l-kura meħtieġa biex issir persuna f'saħħitha u matura.

Tifhmu, mela, li t-twelid ta' tarbija m'għandux ikun ħaġa li tiġri għax tkun ġrat, mingħajr ħsieb, jew għax hekk kellu jkun. Trid tkun dejjem il-frott ta' deċiżjoni li tittieħed b'imħabba, prudenza, talb, u ftehim sħiħ bejn il-miżżewġin. Huwa dan li aħna nifhmu bil-kliem "Paternita Responsabbli".

Il-kwistjoni ta' kif jiġi regolat it-twelid m'hijiex waħda li wieħed jista' jittratta sewwa f'artiklu qasir bħal dan. Kull koppja trid tfittex li titgħallem x'inhu s-"Safe Period", u dan it-tagħlim jingħata individwalment mill-Moviment ta' Kana li għandu nies imħarrġin apposta — lajċi, tobba u qassisin li huma lesti li jagħtu t-tagħrif meħtieġ lil kull min jixtiequ.

Dak li dejjem iridu jżommu quddiem għajnejhom il-miżżewġin huwa l-ispirtu ta' sagrifiċċju, u li ż-żwieġ kattoliku huwa vokazzjoni li matulu huma jservu 'l Alla billi jservu lil xulxin. Il-ħajja tagħna għandha tkun kollha kemm hi servizz lil Alla, u dan is-servizz ma jsirx biss billi mmorru l-knisja u niffrekwentaw is-sagramenti, iżda jsir ukoll b'dak kollu li nagħmlu f'ħajjitna.

D.S.

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Membri ġodda tal-Knisja bil-Magħmudija

Christian Fenech Soler, bin Joseph u Simone.
Brian Attard, bin John u Josephine.
Mark Attard, bin Michael u Doris.
Nadine Borg, bint Charles u Rose.
Alexia Schembri, bint John u Grace.
Andreina Sultana, bint Roland u Rita.
Roberta M. Farrugia Randon, bint Robert M.D. u Josephine L.P.
Robert Camilleri, bin Joseph u Catherine.
Steve Aloisio, bin Anthony u Grace.
Ronald Cordina, bin Edwin u Josephine.
Simone Vella, bint Victor u Carmen.
Abigail Zammit, bint Anthony u Marie-Louise.

Ingħaqdu fl-imħabba fiż-Żwieġ Nisrani

Frans Vella u Mary Chetcuti.

Ħutna nsara li għaddew għal-ħajja ta' dejjem

Michael Attard.
Stanley Falzon.
Spiru Micallef.
Lucy Dingli.
Ugo Genovese.

STARLETS
284, HIGH STREET, BALZAN
STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,
NEWSPAPERS AND CIGARETTES
Telephone: 41644

ITTRI LILL-EDITUR

IL-BALAVOSTRI FUQ IL-BEJT TAL-KNISJA

Sur Editur,

Jiena nixtieq nirrispondi lil Dr. P. Cassar dwar l-ittra tiegħu fuq 'Il-Balavostri fuq il-Bejt tal-Knisja', filwaqt li nirrispetta l-opinjoni tiegħu li ma jarax li l-balavostri jaqblu ma' l-istil sobriju u eleganti tal-knisja.

L-ewwelnett, il-knisja tagħna fl-eleganza sempliċi tagħha ma timpedixxix li jsiru l-balavostri fuq il-bejt.

Jekk niġu għas-sobrjetà tal-knisja bħala massa, inħarsu lejn palazzi kbar, bħal dak ta' Verdala, Selmun, u oħrajn, li fil-massa mmensament sobrija tagħhom, l-arkitetti ta' l-Ordni ta' San Ġwann li ddisinjawhom għamlulhom il-balavostri, għax b'daqshekk ma naqqsulhomx mis-sobrjetà tagħhom.

Billi ma nafux min kien l-arkitett li ddisinja l-pjanta tal-knisja, u anqas ma nstabet il-pjanta oriġinali tal-knisja, għalhekk m'għandniex nikkonkludu li l-arkitett ma indikahomx il-balavostri fid-disinn oriġinali, u lanqas ma tista' toħodha b'ċertezza li l-balavostri ma jmorrux jew ma jikkorrispondux ma' l-ordni doriku tal-knisja! Wieħed għandu jirrealizza li dak iż-żmien li nbnew dawn il-knejjes hekk monumentali l-entużjażmu tal-poplu kien li jfittex isaqqaf il-knisja biex ifittex jużaha, u kien jieqaf hemm, għax dak kien l-iżjed importanti għalih. U mbagħad biex ikompli jżejjinha u jqattgħalha l-iskultura minn ġewwa u minn barra ftit li xejn kien jagħti każ!

M'hemmx bżonn immorru fil-bogħod biex nirrealizzaw din il-verità. Nieħdu l-knejjes tal-Mellieħa, tal-Furjana, tas-Sacro Cuor, ta' Stella Maris, ta' l-Imsida, u oħrajn li sal-lum għadhom m'humiex kompliti.

L-intenzjoni tiegħi li nagħmlu l-balavostri hija biex nara l-knisja tagħna komplita, għax il-biċċa l-kbira tal-knejjes ta' Malta m'humiex kompliti, u barra minn dan m'aħna se nagħmlu xejn eċċezzjonali għax hawn knejjes f'Malta li għandhom il-balavostri fuq il-belt, bħall-knisja ta' San Duminku tal-Belt, il-knisja ta' San Pawl tar-Rabat, u oħrajn, u hemm oħrajn li huma ndikati fid-disinn u għadhom m'għamluhomx.

Rigward il-ġunta tal-Kurja, jiena ċert li d-deċiżjoni kienet ħafna perplessa. Ir-raġuni hija għaliex il-biċċa l-kbira tal-membri ma humiex kompetenti, u jiena ċertissmu li l-aqwa awtorità fil-materja (perit ta' studju fil-materja u ta' l-aqwa kompetenza li l-Gvern tah l-inkarigu biex jieħu kura tal-bini storiku ta' Malta) ma kienx preżenti waqt il-konsulta. Jiena personalment ikkuntattjajtu kif appena lestejna d-disinn bil-balavostri tal-knisja, u l-imsemmi persuna, wara li eżamina sewwa d-disinn, approvah 'con pieni voti'.

Din hija r-raġuni li jiena komplejt nirsisti, u beħsiebni nkompli nippersisti ġaladarba ma hemm xejn x'jimpedixxi li l-balavostri ma jistgħux isiru, anzi l-knisja tkompli tisbieħ.

Nixtieq li l-Balzanin ma jħallux din l-opra, li tkompli ssebbaħ u tikkompleta l-knisja tagħna, tmur mar-riħ.

Ħal Balzan

Kan. Spiridione Sammut

• minn paġna 2

kif ukoll għal uliedna, li jitgħallmu japprezzaw dak li ħabbew ta' qabilhom. Dejjem nappreżza meta naqra jew nisma' b'min qed jieħu inizjattivi biex iddrawwiet ta' l-imgħoddi jibqgħu mħarsa.

7. Mill-'items' kollha li għandek, għandek xi wieħed li huwa għal qalbek b'mod partikulari?

Skużani, l-ebda wieħed ma nista' ngħid li hu għal qalbi b'mod partikulari, għaliex kollha ħadt pjaċir nagħmilhom; iżda forsi l-aktar wieħed hu r-razzett iż-żgħir. Inħoss li f'dan daħħalt il-partikularitajiet kollha.

8. Għandek xi progetti oħra għall-ġejjieni?

Iva; bħal issa qed nagħmel episodju dwar il-Pesta f'Malta; la nlesti dan, nagħmel il-Wied tal-Lunzjata bil-Knisja tiegħu. Dan qiegħed Għawdex. Beħsiebni nagħmel ukoll il-Purċissjoni ta' San Girgor u Tieġ Malti ta' dari.

ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Il-ħrafa li se niktbilkom illum hi żgur waħda mill-isbaħ fost il-ħrejjef ta' Esopo. Biha ried jgħallimni li l-veri ħbieb jagħrfu jaqsmu bejniethom il-ferħ u n-niket, il-ġid u d-deni.

Dawk it-tfal li jfittxu 'l ħbiebhom biss meta għandhom bżonnhom, jew meta jittamaw li jieħdu xi ħaġa mingħandhom, dawn jissejħu 'egoisti', jiġifieri jfittxu biss dak li jaqbel lilhom u mhux il-ġid ta' l-oħrajn ukoll. Tfal bħal dawn ma jħobbhom ħadd u ebda tifel ma jfittex li jkun ħabibhom. Il-ħrafa hi din:

Żewġ irġiel kienu qed jivvjaġġaw flimkien meta wieħed minnhom sab fit-triq borża mimlija flus. Ġabarha, u tefagħha fl-ixkora tiegħu. "Kemm jien xortija tajba!" qal. "Dawn il-flus kienu merfugħa għalija!"

Sieħbu kien pront qabeż qallu: "Tgħidx 'xortija tajba' iżda 'xortina tajba' għax flimkien qegħdin."

"Le, le, la sibtha jien inżommha għalija!" reġa' qallu l-ieħor.

Ma laħaqx spiċċa jitkellem meta ra ġejjin għalih bosta rġiel bil-bsaten f'idejhom igħajtu: "Issa nħallsuk, ja ħalliel! Magħna għandek tagħmilha!"

"Mitlufin aħna talli ħadna l-borża!" għajjat dak li sabha.

Iżda sieħbu malajr qallu: "Tgħidx 'mitlufin aħna' iżda 'mitluf jien', għax meta sibtha ma għidtx 'sibnieha' iżda żammejtha għalik."

Għalhekk, għeżież tfal, qisu li mal-ħbieb tagħkom taqsmu mhux biss il-ferħ iżda wkoll in-niket, bħalma kien iwissi San Pawl lill-insara: "Ifirħu ma' min hu ferħan u ibku ma' min hu mbikki."

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Qed toqrob l-ikbar festa tal-Knisja, jiġifieri l-Għid il-Kbir, li jfakkarna meta Kristu qam mill-imwiet u b'hekk uriena li Hu verament l-Iben t'Alla. Għal din il-festa aħna nibagħtu x-xewqat tajba tagħna lil ħbiebna u lil qrabatna, bħalma nagħmlu fil-Milied. Għalhekk xogħolkom hu li tpinġu **KARTOLINA TAL-GĦID.** Din tista' tkun bil-lapis jew bil-kulur.

Bħas-soltu, ibagħtu t-tweġibiet u t-tpinġijiet tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh fil-letterbox ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 17 t'April, 1976.

It-tweġibiet ta' l-aħħar kompetizzjoni kienu:— 1. Kull erba' snin; 2. 366 jum; 3. Fi Frar; 4. Mis-sitt sigħat żejda ta' kull sena normali.

Ir-rebbieħ ta' l-aħħar kompetizzjoni huwa Raymond Pace, li joqgħod 'St. Anthony', Flat 1, Triq l-Annunzjata, Ħal Balzan.

Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

Nota Editorjali

- **Il-kitba "GĦALINA Ż-ŻGĦAŻAGĦ", bit-tweġibiet taż-żgħażagħ Balzanin għall-mistoqsija li dehret fl-aħħar ħarġa, tidher f'ħarġa oħra.**
- **Nirringrazzjaw lis-sinjuri Twanny Darmanin u Joe Vella għall-kitbiet tagħhom li jidhru f'ħarġiet oħra.**

VALLEY BUTCHER
121, VALLEY ROAD, BALZAN
FOR FIRST CLASS MEAT
AND SERVICE
Telephone: 42066

IL-KAZIN TAL-BANDA "SAN GABRIEL"

ŻMIEN IL-GWERRA

Meta faqqgħet it-tieni gwerra dinjija, f'Ġunju tal-1940, il-każin, li dak iż-żmien kien fi 92 Triq il-Kbira, Ħal Balzan, bħall-każini kollha ta' Malta, ta wkoll is-sehem tiegħu, ċkejken kemm hu ċkejken, billi parti mill-każin ingħatat lir-refuġjati li ġew Ħa l Balzan mill-ibliet milquta mill-bombi. Il-każin baqa' jiftaħ bħas-soltu, għax kien żamm għalih is-sular t'isfel fejn kellu l-bar, il-kamra tal-'billiards', u l-kmamar ta' l-armar tal-festa. F'dan iż-żmien, is-soċjetà nkoraġġiet lill-membri tagħha sabiex jidħlu fl-"Air Raid Precaution" (A.R.P.) u fis-"Special Constabulary", kif fil-verità għamlu ħafna mill-membri tagħha. F'seduta li saret fid-9 ta' Jannar 1944, is-soċjetà qatgħet li l-isem tagħha jsir bil-Malti, "Għaqda San Gabriel".

TITWAQQAF IL-BANDA

Il-qagħda tal-każin baqgħet sejra dejjem għall-aħjar, kemm finanzjarjament kif ukoll fl-attivitajiet tagħha, tant li issa nsibu li beda jitrawwem il-ħsieb li fil-każin tiġi mdaħħla attività kulturali siewja u ta' min jagħtiha t-tifħir li jistħoqqilha. Fil-5 t'Awissu 1951, il-ħabrieki s-Sur Gabriel Caruana, li llum hu l-President tal-każin u li f'Malta kollha huwa magħruf biżżejjed fil-qasam ta' l-arti bħala skultur u pittur u li dejjem lest biex joħloq xi ħaġa ġdida ressaq il-proposta formali lill-kumitat biex tiġi mwaqqfa l-Banda fil-każin. Din il-proposta kienet ġiet issekondata mis-Sur Joseph Felice, u wara kkonfermata f'laqgħa ġenerali.

F'Settembru tal-1951, ġie msejjaħ is-surmast Carmelo Briffa minn Birkirkara biex igħallem l-allievi, li n-numru tagħhom kien ta' erbgħin, u jagħmel il-kunċerti bejn il-ħdax-il bandist li kienu jinsabu fir-raħal u li kienu ġa jdoqqu ma' baned oħra, u li għalhekk dawn kienu mel il-banda tagħna sew fir-raħal kif ukoll barra mir-raħal.

Il-Banda l-ġdida 'San Gabriel' għamlet l-ewwel programm tagħha fil-fiera li kienet saret ħdejn Villa Macedonia fit-23 ta' Marzu 1952. Il-banda mbagħad ħadet sehem fil-festa ta' Marija Annunzjata, fost l-entużjażmu ta' l-ammiraturi tagħha u l-poplu kollu ta' Ħal Balzan, nhar id-9 u l-10 ta' Lulju 1952. F'din il-festa tar-raħal il-banda ġiet ippreżentata bi standard bl-arma ta' San Gabriel, maħdum fuq disinn tas-sur Carmelo Said. Dan l-istandard kien inġabar mis-sinjuri G. Caruana u P. Ebejer minn fost il-poplu ta' Ħal Balzan. Dak in-nhar stess il-President Onorarju, il-Konti Manduca, li baqa' benefattur kbir tas-soċjetà sal-mewt tiegħu, ippreżenta lill-banda batterija ġdida komplita.

LOKAL ĠDID

Sa mill-1954, il-kumitat kien qed iħoss li l-lokal tas-soċjetà kien żgħir għall-attivitajiet għodda li kienu jsiru minn żmien għal żmien. Għalhekk fuq proposta tas-sur Gabriel Caruana, li issa kellu l-kariga ta' Segretarju, li ġiet issekondata mill-Kaxxier, is-sur Piju Ebejer, f'seduta li saret fl-10 t'Awissu 1957, preseduta mill-mejjet President is-sur Alfred Brincat, ġie deċiż li jinxtara l-post preżenti li qiegħed f'223, Triq il-Kbira.

Biex din il-proposta sseħħ ħadem kulħadd, kumitat u soċi. Il-kumitat ħaseb biex iressaq proposta lis-soċi f'laqgħa ġenerali sabiex il-każin joħroġ somma ta' flus għax-xiri tal-lokal il-ġdid. Din il-proposta ġiet approvata fl-istess laqgħa tal-10 t'Awissu 1957, u s-somma vvutata kienet ta' £150. F'din l-istess seduta l-kumitat talab l-awtorità tas-soċi sabiex ikun jista' jissellef is-somma l-oħra li kien jeħtieġ għax-xiri tal-lokal il-ġdid. Din l-awtorità ġiet mogħtija lilu mis-soċi f'dan l-istess laqgħa ġenerali. Is-self ġie minn diversi membri u benefatturi tal-każin. Dan is-self, li kien mingħajr imgħax, kien f'poloz ta' £25, li minnhom kien hemm għoxrin waħda, u poloz ta' £12 10s, li kienu tmienja. Kien hemm tnejn oħra ta' £10. Żewġ membri oħra u benefattur ieħor irregalaw £30; wieħed irregala £20, u t-tnejn l-oħra £5 kull wieħed.

Il-kumitat intrabat li kull sena tithallas is-somma ta' mitt lira lil dawk li silfu l-flus. Sakemm is-somma mislufa tħallset kollha, ta' min isemmi wkoll li xi membri li kienu silfu l-flus irrinunzjaw li jieħdu flushom lura. Dawn kienu tlieta li kienu ħarġu ħamsa w għoxrin lira, u tnejn oħra li ħarġu tnax-il lira u nofs kull wieħed. Membri oħra ssagrifikaw irwieħhom u l-ħin liberu tagħhom billi ħadmu bla heda biex fi żmien qasir taw dehra deċenti lil-lokal il-ġdid, li kien fi stat miżeru ħafna.

Il-kuntratt tax-xiri tad-dar il-ġdida tas-soċjetà sar fit-2 ta' Settembru 1957, quddiem in-Nutar Pubbliku J. Micallef Trigona, li għamel dan il-kuntratt mingħajr ma tħallas ta' xogħlu.

Il-każin il-ġdid huwa spazjuż ħafna u għandu bitħa kbira fejn jistgħu jsiru l-kunċerti tal-banda meta t-temp jippermetti. Għandu sala kbira li sservi normalment għall-kunċerti tal-banda, meta dawn ma jkunux jistgħu jsiru fil-bitħa, u sservi wkoll għal-laqgħat u serati soċjali u rikrejattivi, kif ukoll għal-laqgħat ġenerali li jkollna fis-soċjetà. Sala oħra sabiħa, li hija s-sala prinċipali tas-soċjetà, ġiet iddekorata bi friż li jikkonsisti f'pitturi ta' veduti ta' diversi postijiet f'Ħal Balzan. Dawn saru mis-sur Freddie Muscat student tal-pittura fl-iskola ta' l-arti. Dan l-istudent kien pitter ukoll għaxar soprapavaljuni għall-għaxar pavaljuni li żżanżnu fil-festa fl-14 ta' Lulju 1974. Barra dawn il-kmamar li semmejna, il-każin għandu bar li jiftaħ kuljum regolarment, kmamar oħra għal logħob ieħor, kamra tal-'billiards', u kmamar oħra.

Xi ftit tas snin ilu tellajna 'workshop' fil-ġardina, billi dan kien inħass ferm il-bżonn tiegħu billi dejjem hemm xi xogħol sejjer fil-każin, sew dak li għandu x'jaqsam mal-festa kif ukoll tal-każin stess.

BENEFATTURI

Il-każin kellu ħafna benefatturi meta l-kumitat ġie biex isebbaħ il-lokal. Meta s-soċjetà daħlet fil-każin il-ġdid, il-kmamar tista' tgħid kienu kollha tal-franka barra mill-intrata, li kienet bil-madum imma kien ukoll fi stat ħażin. Hawn insibu li n-Nobbli Konti Bernardo Manduca Piscopo Maċedonia Zammitt kien minn ta' l-ewwel li ħareġ is-somma biex is-sala ta' ġewwa u t-terrazzin jiġu rranġati bil-madum. Ir-Rev. Dun Ġwann Zammit Hammet, kappillan tal-każin, ħareġ l-ispejjeż għall-iċċangar ta' l-arkivju, li dak iż-żmien kien fejn għandna l-bar illum. Is-sur Gabriel Caruana ħareġ l-ispejjeż għall-madum tas-sala, illum kamra tal-'billiards', u tal-bar, illum l-uffiċċju. Is-sur Piju Ebejer ħareġ parti mill-madum tal-kamra tad-'darts'. Is-sur Joseph Felice bidel il-madum ta' l-intrata spejjeż tiegħu meta l-każin iċċelebra l-festa tal-ħamsin sena mit-twaqqif tiegħu. Dal-madum tqiegħed mis-sur Piju Ebejer.


Il-mejjet President, is-Sur Alfred Brincat, kien ġabar mingħand is-soċi l-madum ta' fejn hi llum is-sala, li qabel kienet il-kamra tal-"billiards". Xi sentejn ilu ċċangajna żewġ kmamar oħra bil-madum mill-fondi tal-każin, u fil-laqgħa ġenerali li saret fl-10 ta' Settembru 1975 ġiet approvata s-somma ta' £M500 biex isiru xi ħwejjeġ oħra, fosthom l-iċċangar tal-bitħa bil-madum, it-tiswija tat-taraġ tal-bieb prinċipali, "wall unit" għall-uffiċċju, u xi affarijiet oħra. Il-benefatturi ma kinux għall-madum biss. Kieku kelli nagħmel il-lista tal-benefatturi kollha ma kont nispiċċa qatt.

Fost il-ħafna affarijiet li saru mill-benefatturi, ma nistax inħalli barra l-irħama li hemm fl-intrata, li tfakkar il-ħamsin sena mit-twelid tal-każin, irregalata mill-mejjet Nobbli Konti Manduca, u ż-żewġ irħamiet li hemm waħda fuq kull naħa tal-bieb prinċipali. Waħda ġġib l-arma u l-isem tal-każin, u l-oħra l-arma ta' Ħal Balzan, l-isem ta' Villa Balzan, u s-sena li tfakkar meta l-każin daħal f'dan il-lokal. Dawn iż-żewġ irħamiet kienu rregalati lill-każin mis-sur Gabriel Caruana u mill-mejjet avukat Giuseppe Borg Olivier de Puget, Prinċep ta' Silembria, li kien membru onorarju.

Jekk il-każin sab il-benefatturi li ħarġu l-flus biex isir xi oġġett, ma kienu xejn anqas nieqsa l-benefatturi li ħadmu biex isebbħu l-każin hekk kif ġie fil-lokal il-ġdid. Kieku kelli nniżżel ix-xogħol kollu li sar mill-membri kif ukoll minn ammiraturi tal-każin, fosthom l-avukat Desira Buttiġieġ, l-avukat Albert Borg Olivier de Puget M.P., l-avukat Hugh Peralta, u l-perit Renè Buttiġieġ, żgur li kont insibha diffiċli biex inniżżel kull ma sar bil-ħidma tagħhom, għax għad li fil-każin għandna ktieb fejn jitniżżlu l-ismijiet tal-benefatturi żgur li xi ħaġa taqbiżlek, speċjalment meta jkunu jsiru ħafna affarijiet f'ħin wieħed.

Biss ma nistax inħalli barra lil dawn il-membri li ħadmu fuq li ħadmu biex irranġaw il-post hekk kif inxtara dsatax-il sena ilu, u oħrajn magħhom li għadhom sal-lum jaħdmu bla heda biex il-każin jinżamm dejjem fi stat tajjeb u nadif. Dawn is-sinjuri jistħoqqilhom kull tifħir: Gabriel Caruana, Valentino Muscat, Ignazio Magro, Piju Ebejer, il-mejjet Mikiel Micallef, Nicola Borg, Ġużeppi Azzopardi, Ġużeppi Borg, Abraham Muscat, Ġużeppi Debono, Ġużeppi Sammut, Salvu Debono, Gabriel Pulliċino, Mikiel Calleja, Gabriel Brincat, Calcedonio Micallef, Carmelo Micallef, Ġeraldu Ebejer, Joseph Calleja, Benny Pace, Mario Spiteri, Valentino Magro, Michael Micallef, Lino Borg, Joe Borg, u Salvatore Deguara.

(jissokta)



Il-Każin tal-Banda 'San Gabriel', fl-okkażjoni ta' għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tiegħu — Ottubru 1970.

KITBA TA' VALENTINO MUSCAT

l-ewwel bandisti tas-soċjetà. Is-sur Carmelo Briffa baqa' direttur tal-banda sa meta Alla l-Imbierek għoġbu jsejjaħlu għal għandu fil-11 t'April 1972. Wara li sarlu l-funeral, li fih il-banda ħadet sehem, il-kumitat beda jaħseb biex isib surmast ieħor. Saru ħafna proposti, u fl-aħħar ġie deċiż li jiġi avviċinat is-sur Clemente Sciberras A. Mus. L.C.M. biex jimla l-post ta' surmast tal-banda. Huwa aċċetta l-kariga ta' surmast f'Mejju 1972. Ta' min isemmi li s-sur Clemente Sciberras huwa wkoll id-direttur tal-Banda "Sant' Elena" ta' Birkirkara.

Dan is-surmast żagħżugħ u ħabrieki jinteressa ruħu ferm fil-kamp mużikali. Huwa jgħallem lill-allievi b'paċenzja kbira, minbarra li jagħmel kunċerti u jesegwixxi programmi li tagħ-



Dun Ġużepp Minuti, Kappillan ta' Ħal Balzan bejn l-1950 u l-1954, jidher ibierek l-istandard bl-arma ta' San Gabriel.

TINSIEX TAGĦTI XI KONTRIBUZZJONI GĦALL-GAZZETTA "ĦAL BALZAN"